**27 ta' Ġunju, 1990**

**Imħallef: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl. Can., Lic.Can.,LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Theresa Giusti

*versus*

Salvino Giusti

## Alimenti – Manteniment – Esekuzzjoni Provviżorja ta' Sentenza – Komunjoni ta' l-Akkwisti – Dejn tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti

*Sakemm ma tiġix xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, il-manteniment dovut lill-mara huwa ukoll debitu tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Kif id-dejn tal-mara kkuntrattat għall-manteniment tagħha jkun, skond il-ġurisprudenza, dejn tal-komunjoni ta' l-akkwisti, hekk ukoll, għall-istess raġuni, il-kreditur tagħha għall-ħlas ta' manteniment huwa ukoll kreditur kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti.*

*Jekk ir-raġel ikollu assi partikolari tiegħu, il-kreditur tal-mara għall-manteniment ikun jeżisti ukoll fil-konfront ta' dan l-assi partikolari ta' żewġha li jkun ittieħed ukoll in konsiderazzjoni meta l-Qorti tkun iffissat il-quantum tal-manteniment.*

*Il-mara m'għandhiex għalfejn titlob ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti sabiex tirnexxi fl-azzjoni tagħha, u dan appuntu għaliex il-kreditu reklamat ta' manteniment huwa ukoll kreditu kontra l-istess komunjoni.*

*Lanqas m'għandu jkun hemm deduzzjoni mis-sehem tal-mara fil-komunjoni ta' l-akkwisti ta' l-ammont meħud għall-alimenti jekk u meta tkun ser tiġi likwidata u diviża bejn il-miżżewġin il-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejniethom; għaliex inkella l-kreditur tal-mara miżżewġa għall-manteniment ikun qed jiġi*

*mħallas minn sehemha fil-komunjoni ta' l-akkwisti.*

*Skond il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili it-talba għall-esekuzzjoni proviżorja trid issir b'rikors li għandu jiġi notifikat lill-kontroparti li jkollha jumejn tax-xogħol żmien sabiex tippreżenta risposta. Il-Qorti mbagħad, wara li tisma' l-partijiet, tiddeċiedi r-rikors kemm jista' jkun malajr. Dawn id-disposizzjonijiet huma ta' ordni pubbliku u għalhekk għandhom jiġu segwita ad unguem".*

Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tagħha, l-attriċi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvediment opportuni. Premess illi b'digriet tas-Sekond'Awla ta' dik il-Qorti ta' l-10 ta' Marzu 1988 l-konvenut ġie kkundannat iħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm180 fix-xahar, b'effett mill-1 ta' Marzu 1988; u billi dan id-digriet ġie modifikat b'digriet ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Ottubru, 1988 li rriduċja l-alimenti għal Lm120 fix-xahar; premess li l-konvenut ma ħallasx l-alimenti skaduti fl-1 ta' Settembru 1988 'il quddiem; u billi skond iċ-ċedola ta' depożitu Numru 407 ta' l-1988 jinsabu depożitati ċirka Lm18,000 tad-debitur li minnhom dawn l-alimenti jistgħu jitħallsu; premess li l-konvenut oppona ruħu għall-iżbank ta' l-alimenti dovuti fl-1 ta' Settembru u l-1 t'Ottubru 1988; premess illi stante din l-oppożizzjoni, l-Qorti ddisponiet li l-esponenti tipproċedi skond il-liġi;

Talbet illi, inattiża kull oppożizzjoni tal-konvenut, tiġi awtorizzata tiżbanka mid-depożitu fuq imsemmi s-somma ta' Lm360 dovuti bħala alimenti għax-xhur ta' Settembru u Ottubru 1988, u Lm120 fix-xhur mill-1 ta' Novembru 1988;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi u n-nota tax-xhieda tagħha;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa fl-ewwel lok li l-flus li qed tippretendi l-attriċi huma tal-komunjoni ta' l-akkwisti u għalhekk huwa għandu sehem mill-imgħaxijiet tagħhom u fit-tieni lok it-talba għandha tiġi miċħuda għaliex il-manteniment mitlub huwa esaġerat u ma jirrispekkjax il-kondizzjonijiet li fihom qed jgħixu il-partijiet;

Rat id-dikjarazzjoni man-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u l-listi tax-xhieda;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 1989 li biha ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenut u laqgħet it-talba ta' l-attriċi bl-ispejjeż u ddikjarat l-istess sentenza eżegwibbli proviżorjament magħmula fis-seduta tal-31 ta' Mejju 1989 li għaliha ma saritx oppożizzjoni mill-konvenut u wara li;

*Omissis;*

Ikkunsidrat li l-konvenut eċċepixxa li t-talbiet attriċi kellhom jiġu respinti peress li d-depożitu jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u huwa kellu sehem mill-imgħaxijiet tagħhom, kif ukoll peress li l-manteniment mitlub huwa esaġerat;

Ikkonsidrat li mill-provi rriżulta li l-flus depożitati biċ-ċedola msemmija saru waqt iż-żwieġ u għadhom jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u li fihom hemm ukoll interessi fuq kapital li kien akkumulat meta l-konvenut kien jaħdem barra

minn Malta. Ma jidhirx li hemm dubji li l-konvenut għandu sehem mill-imgħaxijiet provenjenti minnhom. Dan ma jfissirx li l-attriċi ma tistax titlob li minnhom tiżbanka dak li hemm dovut lilha bħala manteniment skond digrieti mogħtija mill-Qrati kompetenti; il-komunjoni ta' l-akkwisti tifforma parti mill-beni tal-konvenut li bihom irid jagħmel tajjeb għall-obbligi kollha tiegħu inklużi dawk fil-konfront tal-mara tiegħu; kull deduzzjoni mill-ammont depożitat għandha tittieħed in konsiderazzjoni jekk u meta tkun ser tiġi likwidata u diviża bejn il-partijiet il-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejniethom;

Ikkunsidrat li l-"*quantum*" tal-manteniment mitlub mill-attriċi skond id-digrieti relattivi, ma jifformax parti mill-meritu ta' din il-kawża; ma hiex kompitu ta' din il-Qorti li tidħol fuq il-kondizzjonijiet li fihom jgħixu l-partijiet in kwantu dawn jistgħu jinfluwenzaw il-quantum tal-manteniment. Id-digrieti msemmija u li ma ġewx kontestati jikkostitwixxu titolu favur l-attriċi li jista' jiġi esegwit;

Ikkonsidrat in-natura urġenti tat-talba u ż-żmien li għadda minn meta ġiet ipprezentata ċ-ċitazzjoni, liema urġenza ġiet ukoll impliċitament aċċettata fid-digriet mogħti fit-3 t'April 1989;

Rat in-nota ta' l-appell ta' Salvino Giusti ppreżentata fil-5 ta' Lulju 1989;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess konvenut Salvino Giusti ppreżentata fil-21 ta' Lulju 1989 li biha għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tiddikjara nulla u mingħajr effett is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 1989 kwantu din is-sentenza laqgħet it-talba għall-

esekuzzjonijiet provviżorja tas-sentenza ai termini ta' l-artikolu 266 mentri ma setgħatx tagħmel dan u alternattivament tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 1989 billi tiċħad it-talbiet ta' l-attriċi u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellanti bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attriċi ppreżentata fl-4 ta' Settembru 1989 li biha fil-meritu għar-raġunijiet hemm imsemmija issottomettiet li l-appell huwa nġustifikat u għandu jiġi miċħud u li biha ipprevaliet ruħha mill-appell prinċipalii sabiex titlob li prevja l-konferma tas-sentenza tas-27 ta' Ġunju 1989 fejn laqgħet it-talba tagħha, din tiġi modifikata billi titħassar minnha d-direttiva li dak li ser tieħu l-attriċi bħala alimenti jittieħdu bħala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti; bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-21 ta' Lulju 1989 li bih talab li l-Qorti tħassar u tirrevoka l-ordni ta' l-esekużjoni provviżorja jew alternattivament li l-attriċi appellata ai termini ta' l-artikolu 266 subartikolu (9) tagħti l-garanzija neċessarji;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet id-difensuri;

Ikkunsidrat:

L-appellant qiegħed jissottometti li l-ewwel Qorti naqset li tara d-distinzjoni bejn id-dritt għall-ħlas ta' manteniment u d-dritt għall-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u għalhekk

għamlet via di mezzo billi ddikjarat li dak li l-attriċi ser tiżbanka għandu jittieħed bħala parti sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Dejjem skond il-konvenut appellant l-attriċi imissha talbet ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti. L-attriċi għandha tieħu l-manteniment mill-mezzi tar-raġel u mhux mill-komunjoni;

*Omissis*;

Ġie ritenut minn dawn il-Qrati li "*il debito contratto dalla moglie pei suoi altrimenti durante la causa di separazione dal marito, come ogni altro da essa contratto pei bisogni domestiċi e giornalieri, anche senza il consenso del marito è a carico della* ***comunione e quindi del marito*** (sottolinejar tal-Qorti) *quando costui durante la pendenza di detta causa non abbia provveduto in alcuna maniera agli alimenti della moglie e ad altri di lei bisogni" (P.A. 28 Maggio 1875 Bonnici v. Zahra, Coll.VII, 411 col.2a. med. ċitata fil-Cremona; Giurisprudenza sull'Ord. I del 1873)*;

Fil-fehma tal-Qorti għalhekk isegwi li sa kemm il-komunzjoni ma tiġix xolta, il-manteniment dovut lill-mara huwa **ukoll** debitu tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Kif id-dejn tal-mara kkuntrattat għall-manteniment tagħha jkun, skond il-ġurisprudenza fuq ċitata, dejn tal-komunjoni ta' l-akkwisti, hekk ukoll għall-istess raġuni il-kreditu tagħha għall-ħlas ta' manteniment huwa ukoll kreditu kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti. Naturalment jekk ir-raġel ikollu assi partikolari tiegħu, il-kreditu tal-mara għall-manteniment ikun jeżisti ukoll fil-konfront ta' dan l-assi partikolari ta' żewġha li jkun ittieħed ukoll in konsiderazzjoni meta l-Qorti tkun iffissat **il-quantum** tal-

manteniment;

Issa jidher mill-provi li mhux ikkontestat li s-somma ddepożitata tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti u għalhekk għar-raġunijiet fuq imsemmija t-talba attriċi jistħoqqilha li tiġi akkolta. L-attriċi ma kellhiex għalfejn titlob ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, kif donnu qed jippretendi l-konvenut appellant sabiex tirnexxi fl-azzjoni tagħha appuntu għaliex il-kreditu reklamat ta' manteniment huwa ukoll kreditu kontra l-istess komunjoni;

Ikkunsidrat:

Kwantu għall-appell inċidentali magħmul mill-attriċi, din *qiegħda titlob li tiġi modifikata is-sentenza appellata* billi titħassar minnha d-direttiva li dak li ser tieħu l-attriċi bħala alimenti jittieħdu bħala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Il-Qorti eżaminat bir-reqqa s-sentenza appellata u tifhem li l-attriċi fl-appell inċidentali qiegħda toġġezzjona għal dik il-parti tas-sentenza li ddikjarat li kull deduzzjoni mill-ammont depożitat għandha tittieħed in konsiderazzjoni jekk u meta tkun se tiġi likwidata u diviża bejn il-partijiet il-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejniethom u qiegħda titlob li tħassar din id-direttiva;

Il-Qorti hi tal-fehma, kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti, illi billi għar-raġunijiet fuq imsemmija kwalunkwe somma żbankata mid-depositu fuq imsemmi appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti tkun qiegħda tiġi żbankata bħala kreditu kontra l-istess komunjoni, ma hux il-każ li s-somma żbankata tittieħed in konsiderzzjoni biex jiġi ffissat is-sehem ta' l-attriċi mill-komunjoni ta' l-akkwisti għax b'hekk jiġri li l-kreditu ta'

l-attriċi għall-manteniment ikun qed jiġi mħallas minn sehem l-attriċi mill-komunjoni ta' l-akkwisti mentri dan il-kreditu għandu jiġi mħallas mill-komunjoni ta' l-akkwisti, salv kull dritt ieħor kontra l-assi partikolari tar-raġel. Għalhekk l-imsemmi appell inċidentali huwa fondat;

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-appell relattiv għal dik il-parti tas-sentenza appellata li ddikjarat s-sentenza eżegwibbli provviżorjament skond l-artikolu 266 tal- Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Qorti tosserva li fil-fatt hemm żewġ appelli – wieħed fil-petizzjoni ta' l-appell fejn il-konvenut talab, għar-raġunijiet hemmhekk imsemmija, li l-Qorti tiddikjara nulla u mingħajr effett is-sentenza appellata kwantu din is-sentenza laqgħet it-talba għall-esekuzzjoni tas-sentenza ai termini ta' l-artikolu 266 mentri ma setgħatx tagħmel dan u l-ieħor dak magħmul b'rikors ta' l-istess data tal-petizzjoni ta' l-appell, ċjoè 21 ta' Lulju 1989 fejn għar-raġunijiet hemm esposti, li huma simili għal dawk fil-petizzjoni – talab li l-Qorti tħassar u tirrevoka l-ordni ta' l-eżekuzzjoni provvisorja jew alternattivament li l-attriċi appellata ai termini ta' l-art. 266 (9) tagħti l-garanzija neċessarja;

Il-Qorti tosserva ukoll li skond il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju 1989 id-difensur ta' l-attriċi talab li f'każ ta' eżitu favorevoli tal-kawża, s-sentenza tkun provviżorjament eżegwibbli skond il-liġi u li skond il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Diċembru 1989 id-difensuri qablu li s-somma li tifforma l-meritu tal-kawża kienet ġiet effettivament żbankata mill-attriċi b'dan li skond id-difensur tal-konvenut appellant l-iżbank sar wara r-rikors fuq imsemmi;

Ikkunsidrat:

Kwantu għall-appell magħmul bil-petizzjoni ta' l-appell, il-konvenut appellant qiegħed jissottometti li skond il-liġi t-talba għall-eżekuzzjoni provviżorja ma setgħatx issir verbalment iżda per mezz ta' nota li għandha tiġi notifikata lill-parti l-oħra u billi din il-proċedura ma ġietx segwita, allura l-ewwel Qorti ma setgħetx tilqa' l-istess talba;

L-artikolu rilevanti huwa l-artikolu 266 (2) (3), Kap.12. Skond dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi, it-talba għall-eżekuzzjoni provviżorja trid issir b'rikors (mhux b'nota kif issottometta l-konvenut). Dan ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-kontraporti li jkollha żmien jumejn tax-xogħol biex tippreżenta risposta. Il-Qorti mbagħad, wara li tisma' l-partijiet, tiddeċidi r-rikors kemm jista' jkun malajr, – *fil-każ ta' rikors ippreżentat qabel ma* tingħata s-sentenza, kemm jista' jkun malajr wara li tingħata dik is-sentenza;

Isma fil-każ preżenti l-imsemmija disposizzjonijiet, li huma disposizzjonijiet ta' ordni pubbliku u għalhekk għandhom jiġu segwiti *ad unguem* ġew kompletament injorati. Saret talba verbali minflok b'rikors. Veru l-kontraparti kienet preżenti iżda dan ma jissanax in-nuqqas tar-rikors. L-ebda żmien ma ngħata lill-kontroparti biex tirrispondix kif trid il-liġi. L-ewwel Qorti imbagħad minflok ma ddeċidiet **wara** li ngħatat s-sentenza iddeċidiet it-talba fl-istess sentenza. Dawn kollha huma nuqqasijiet li fil-fehma tal-Qorti jwasslu għan-nullità ta' dik il-parti tas-sentenza li tirrigwarda l-esekuzzjoni provvisorja tagħha;

Kwantu mbagħad għall-appell magħmul b'rikors, huwa

evidenti li dan sar taħt l-art.266 (4) tal-Kap.12 li jagħti d-dritt ta' appell b'rikors minn dikjarazzjoni li sentenza ta' l-ewwel Qorti tista' tiġi eżegwita provviżorjament. Dan l-appell però sar inutilment u l-Qorti lanqas tara li għandha tidħol fih billi l-meritu tiegħu qed jiġi deċiż ma' l-appell prinċipali; u jista' jingħad ukoll illi fiċ-ċikostanzi partikolari tal-każ preżenti kien aktar proprju l-appell fuq imsemmi bil-petizzjoni milli dan l-appell b'rikors stante dan jidher li japplika meta tiġi segwita l-proċedura fuq imsemmija stabbilita fl-art.266 (2) (3), ħaġa li ma ġratx f'dan il-każ;

Jista' jiżdied li l-fatt li s-somma ġiet żbankata mill-attur fil-mori ta' l-appell ma jaffettwax il-pożizzjoni legali kif fuq imfissra;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell prinċipali tal-konvenut billi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula u għar-raġunijiet fuq imsemmija fil-meritu tiddeċiedi li l-attriċi għandha dritt tiżbanka s-somma msemmija fiċ-ċitazzjoni mid-depożitu hemm imsemmi u għalhekk tiċħad l-appell tal-konvenut f'dan ir-rigward u tikkonferma s-sentenza appellata inkwantu laqgħet it-talba ta' l-attriċi u billi tiddikjara nulla dik il-parti tas-sentenza appellata li ddikjarat li dik is-sentenza hija eżegwibbli provviżorjament skond l-artikolu 266 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u tiddisponi mill-appell inċidentali billi tilqa' l-istess fis-sens li tiddikjara li s-somma żborsata mid-depożitu fuq imsemmi ma tkunx akkont ta' sehem l-attriċi mill-komunjoni ta' l-akkwisti u billi fl-aħħar nett testjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-imsemmi rikors tal-21 ta' Lulju 1989. L-ispejjes ta' l-appell prinċipali kif ukoll dawk ta' l-ewwel istanza relattivi għall-meritu tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenut appellant mentri dawk relattivi għall-eżekuzzjoni provviżorja tas-

sentenza jkunu a kariku ta' l-attriċi u dana ukoll għaż-żewġ istanzi. L-ispejjeż relattivi għall-appell inċidentali għandhom jiġu sopportati mill-konvenut appellant li għandu ukoll ibati l-ispejjes relattivi għar-rikors fuq imsemmi magħmul fil-21 ta' Lulju 1989.